## Is-Salib …….kullimkien

Fil-ktieb tiegħu "The Ball and the Cross" G.K. Chesterton, il-kittieb magħruf Ingliż, li minn Protestant ikkonverta għall-Kattoliċiżmu, jirrakonta l-istorja ta' wieħed li, fir-rabja tiegħu kontra r-reliġjon nisranija, iddikjara gwerra kontra is-Salib. Ebda kurċifiss fid-dar tiegħu, u fuq ġizirana madwar għonq martu;imbagħad beda jattakka is-slaleb tal-ġebel u ta' l-injam li issib fil-kampanja; fl-aħħar, fl-eqqel tal-ferneżija tiegħu tela' fuq il-kampnar tal-knisja parokkjali u tajjar is-salib minn fuq il-quċċata; fl-aħħar, fl-lejla sajfija waqt li kien miexi fil-kampanja, iffissa' fid-disinn tax-xatba u beda jara salib f'kull xatba u ilqugħ li beda jilmaħ. Beda jkisser dawk ukoll . L-għada sabuħ mgħarraq fix-xmara.

Il-ġlieda kontra l-għeruq tal-kultura tagħna, iċ-ċaħda ta' l-għeruq insara tal-kontinent Ewropew, huma biss għajjat iddisprati ta' min tilef il-boxxla, u qed jinjora ir-ruħ ta' l-Ewropa.

Ħafna fl-Ewropa iqisu l-Istari Uniti ta' l-Amerika bħala pajjiż b'saħħtu, li hu arronganti għax hu b'saħħtu, li għax sab ruħu bħala l-unika super-potenza qed jażżarda dejjem iżjed, pajjiż sinjur b'risorsi kbar li fih għad hemm il-faqar bla qies. Dana kollu jista' jkollu element-anki jekk żgħir-ta' verita'. Iżda ta' min igħid li fl-Amerika – anki jekk bil-mod stramb tagħhom-għandhom sens ta' reliġjon u spiritwalita', ħafna iktar minn ħafna pajjiżi Ewropej. Ma jisthux iniżżlu l-kliem "In God we Trust" fil-flus tagħhom. Ma jiddejqux jiċċelebraw it-Thanksgiving Day, ġurnata ta' radd il-ħajr lil Alla; f'ħafna familji Amerikani issib il-Bibbja, mhux magħluqa, moħbija fi xkaffa f'librerija, iżda miftuħa fuq mejda jew leġiju.

Pajjiż li jħoss li għandu ruħ bil-fors li jimxi 'il quddiem; għax jagħti lilu nnifsu riga li bih jista' jkejjel l-aġir tiegħu, anki meta jiżbalja. Veru li ħafna żbalji ġew kommessi; iżda pajjiż li għandu ruħ, hu kapaċi li jinduna bl-iżbalji tiegħu. Anki dwar l-abort; hemm iktar dibattitu mqanqal fl-Amerika dwar il-qtil ta' trabi qabel it-twelid milli fl-Ewropa fejn il-kuxjenzi huma donnhom taħt oppju kontinwu.

Forsi din hi immaġini ftit pessimista ż-żejjed. Fi ħdan il-knejjes insara, kattoliċi u m'humiex, hawn moviment imnebbaħ mill-ispirtu , li qed jerġa', jiskopri l-għeruq tal-kristjaneżmu; li qed jaħdem fl-oqsma kollha, mhux l-inqas fil-qasam politiku, biex ikollna politiċi u mexxejja ta' konvinzjoni u mhux konvenjenza.

Anki f'Malta, irridu noqogħdu attenti li ma naqgħux fil-nasba li f'isem it-tolleranza, u l-liberaliżmu noħorġu d-"DNA" tagħna, dak li jagħmilna Maltin.

Inkella jiġrilna bħal-karattru fil-ktieb ta' Chesterton, dejjem f'dagħdigħa u ferneżija, nipprovaw niġġieldu u neqirdu dak li hu magħġun fina nfusna, u meta jiġrilna hekk, neqirdu lilna infusna.

**TONIO BORG**
29.12.05